## MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA

minn JOSEPH SERRACINO

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (47)


Id-dgħajsa tal-Midalji tas-snin 50

Qaddief ieħor li llum nixtieq li nlaqqagħkom miegħu hu Wenzu Schembri ( illum m'għadux magħna), twieled f'Bormla iżda għex l-Isla. Lil Wenzu niftakru tajjeb kemm bħala barklor, kif ukoll bħala membru tal-ekwipaġġ famuż Senglean tad-dgħajsa tal-Midalji li kienet waqqfet rekord ta' seba' rebħiet konsekuttivi f'din il-kategorija, u li sal-lum l-ebda ekwipaġġ ieħor ma rnexxielu jikser.

Wenzu, li kien magħruf fost sħabu tal-Ponta bħala t-Tobi beda l-karriera tiegħu fil-qdif qabel il-gwerra, u meta l-gvern reġa' ntroduċa mill-ġdid ir-Regatta Nazzjonali fl-1951, huwa kompla fejn kien ħalla qabilha u f'isem l-Isla rebaħ bosta unuri.

Wenzu kien dħuli u kellu karattru ċajtier. Il-ħasra hi, li lil Wenzu ma lħaqtx għamiltlu intervista bħalma għamilt lil bosta qaddiefa oħra ta' żmienu - dejjem nittratjeni sakemm insib il-ħin opportun, iżda dan il-ħin ma sibtu qatt, kif jiddispjċini ngħid ġrali wkoll ma' qaddiefa oħra.

Iżda lil Wenzu, peress li jien kont naf tajjeb lil uliedu, Pawlu u Joseph, kont inkellmu ta' spiss, l-aktar fi żmien il-provi li kien isegwihom b'interess kbir mill-Ponta.

Darba kellimtu dwar il-preparazzjonijiet u t-taħriġ li kienu jagħmlu bid-dgħajsa fiż-żmienu. Illum ddeċidejt li ngħaddilkom nitfa ta' tagħrif dwar dan il-personaġġ li minkejja kien Bormliż, beda u temm il-karriera tiegħu tal-qdif mal-Isla. L-ewwel mistoqsija tiegħi kienet kemm kien ilu jaqdef ma' l-Isla:

"Naħseb li kont għadni kemm għalaqt il-21 sena meta jien qdift fil-Frejgatina. Din kienet kategorija ġdida ta' opri li ġiet introdotta fir-Regatta Nazzjonali minflok dik tal-Ferilli li kien intilef ħafna l-interess fiha. Jien kont ilni nixtieq li nieħu sehem fit-tiġrija u fl-1936 qtajt xewqti bil-kbir, għax minbarra li ħadt sehem fir-Regatta rbaħt ukoll il-palju ta' l-ewwel."

*Wara l-gwerra int kont membru tal-ekwipaġġ formidabbli tad-dgħajsa tal-Midalji li waqfet rekord ta' seba' snin f'din il-kategorija mill-1951 sal-1957… xi tgħidli għal dan is-suċċess?*

"Xi tridni ngħidlek. Suċċess kbir li sal-lum għadu ħadd ma laħqu … naħseb li llum diffiċli ħafna li ekwipaġġ jirnexxielu jirbaħ l-istess kategorija għal tliet darbiet konsekuttivi, aħseb seba' darbiet, imbagħad tad-dgħajjes tal-Midalji.

"Tinsiex, biex taqbeż dan ir-rekord, trid tirbħu tmien darbiet infila. Jien qdift f'tal-Midalji bejn 1952 u l-1958 bħala poppier, sħabi l-oħra kienu Charlie Abela (il-Bormliż) pruwier, Louis Mallia irmiġġier u Ġanni Ghiller (it-Torta) bħala parasija jew kif inhu magħruf ukoll nofsier. Fl-1958 l-irmiġġier inbidel u minfloku daħal Freddie Fiteni (Sapuna) u l-palju konna tlifnieh għax daħlu fuqna tal-Kalkara."

*Xi kemm-il siegħa kontu tittħarrġu fil-ġimgħa Wenz?*

"Madwar siegħa żgur - konna nibdew wara l-festa ta' San Lawrenz u nieħdu tliet qadfiet kuljum wara nżul ix-xemx. Għall-ewwel konna nittrenjaw qrib il-Ponta u konna nieħdu triq qasira mill-Floating Dock sal-Ponta u ġieli mid-dwana sal-Ponta li f'dak iż-żmien kienet tkun mimlija partitarji. Imbagħad għall-aħħar ta' Awwissu konna nibdew nieħdu t-triq, darbtejn kuljum u sħabna jirreġistraw il-ħin ta' kull qadfa.

"Kien żmien sabiħ kemm għalina bħala qaddiefa li konna naqdfu għal gost u biex nirbħu l-palju għal beltna kif ukoll għall-partitarji li fil-maġġoranza tagħhom, ir-Regatta Nazzjonali kienet l-isport favorit tagħhhom. Jien waqaft mill-qdif ta' 55 sena, iżda xorta bqajt naħdem bid-dgħajsa."

********

Fiż-żmien li għamilt dawn l-intervisti, u anke snin wara, b'mod speċjali fil-bidu tas-snin 80 meta jien ippubblikat l-ewwel ktieb dwar l-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja ( 1900-1938), ta' kull filgħaxija kont immur id-dwana, bil-ħsieb biex waqt li nkun qed insegwi l-provi, nieħu wkoll l-opportunitá u nkellem xi dilettanti dwar ir-Regatta u l-organizzazzjoni tagħha.

Kellimt diversi, fosthom lil ċertu Duminku Grech mill-Belt li minn kliemu mill-ewwel intbaħt li kien jinsab diżappuntat ħafna għall-partitarji Beltin li fi żmienu kienu jsegwu l-aħħar provi fil-Port ta' Marsamxett u li (fiż-żmien li kellimtu) ma baqgħux isegwuhom fil-Port il-Kbir: F'ħin minnhom qalli:

"Jien ilni nsegwi dawn it-tiġrijiet tad-dgħajjes għal dawn l-aħħar 30 sena u qatt ma rat lid-distrett tagħna daqshekk batut. Ħasra li distrett bħal Marsamxett/Valletta li skond l-istorja tiegħu kien wieħed mill-aqwa distretti tar-Regatta biex issa wasal f'estremitá li lanqas qed isib qaddiefa biżżejjed biex jarma l-opri tiegħu.

"Fejn huma ż-żagħżagħ Beltin li kienu jinżlu Marsamxett u jikkumpanjaw lill-qaddiefa tagħna sal-Port Kbir biex jissapportjawhom fil-provi fil-kanal? .

"Ħares madwarna … id-dwana mimlija bil-partitarji ta' Bormla, tal-Marsa u tal-Birgu u tagħna waħdiet. Sa ftit tas-snin ilu kien ikun hawn mijiet ta' dilettanti Beltin, … illum ma naħsibx li hawn tużżana."

*Imma x'taħseb li hija r-raġuni … forsi għax għadkom ma rbaħtux ix-Shield?*

"Hekk naħseb … għidli, min jimmaġina li distrett bħal Marsamxett - dħalna fis-snin 80 u għadu qed jistenna li jirbaħ ix-Shield għall-ewwel darba.

"Marsamxett għandhom storja kbira f'dawn it-tiġrijiet – fl-imgħoddi kienu aqwa mill-Isla, Bormla u l-Birgu, u minkejja dan kollu, għadhom ma rebħux ix-Shield imqar darba waħda … ma titwemminx …"

Kien hemm snin li konna viċin ħafna li nirbħuha u ma rnexxilniex … ma nafx, forsi minħabba n-nuqqas tar-rebħ tax-Shield naqas ħafna s-sapport, iżda jista' jkun ukoll, li peress illum il-qaddiefa tagħna kissru t-tradizzjoni, u ddeċidew li minflok baqgħu jittrenjaw fil-Port ta' Marsamxett niżlu fil-Port il-Kbir.

"Din id-deċiżjoni ġabet magħha apatija kbira fost id-dilettanti tagħna … jekk verament nixtiequ li xi darba nirbħu x-Shield hemm bżonn li l-partitarji u d-dilettanti Beltin jingħaqdu, u ngħinu lill-kumitat tad-distrett tagħna biex jarma d-dgħajjes tagħna b'qaddiefa li kapaċi jirbħu x-Shield."

********

Dilettant ieħor Belti li ltqajt miegħu u kellimtu dwar sehem Marsamxett fir-Regatta Nazzjonali kien Leli Zammit - anzjan ta' madwar 80 sena. Niftakar konna d-dwana nsegwu l-provi flimkien ma' numru kbir ta' dilettanti u partitarji Ġirbin u Bormliżi u kliemna waqa' fuq it-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra. Dar fuqi u minn taħt l-ilsien qalli:

"… u mhux bilfors li fit-tiġrijiet ikun hemm pika kbira bejna u d-distretti tal-Kottonera. Qabel il-gwerra mhux il-festi u t-tiġrijiet tad-dgħajjes biss kellna … aħna li twelidna madwar il-Port il-Kbir, dawn it-tiġrijiet minn dejjem kienu għal qalbna u konna nistennewhom minn sena għal oħra. Dawn it-tiġrijiet huma parti mill-folklor tagħna!

"Sfortunatament, illum, minħabba ħafna raġunijiet, il-popolaritá tar-Regatta naqset ħafna, iżda naċċertak li din id-drawwa ma tispiċċa qatt mill-port… tista' tinqala' xi kriżi u forsi tieqaf għal xi snin, jew tkompli tonqos l-attendenza, iżda maż-żmien din id-drawwa terġa' tieħu r-ruħ mill-ġdid.

"Jien u dawk kollha tampari niftakru t-Tiġrija tal-Vitorja fl-aqwa tagħha, iżda ara ma taħsibx li ma kienx hemm żmien meta l-istess tiġrija jew distretti kbar ma għaddewx minn xi kriżi li kkawżat nuqqas ta' interess jew apatija kbira fost il-partitarji tagħhom, b'riskju kbir li d-distrett ma jibqax jipparteċipa fir-Regatta.

"Nieħdu d-distrett tagħna ta' Marsamxett … sa nofs l-għoxrinjiet kien distrett qawwi, impikat mal-Isla fil-Ferilli u ma' Bormla u l-Birgu fid-dgħajjes … fis-snin ta' wara għadda Marsamxett għadda minn kriżi kbira u l-partitarji tilfu l-interess - rari rnexxielhom jirbħu xi palju … iżda x'ġara? … meta f'nofs it-tletinijiet Marsamxett reġgħu beda jissaħħu u bdew juru progress, inqalgħet il-gwerra u waqaf kollox.

"Bormla wkoll ġralhom l-istess … għamlu żmien jiddominaw tista' tgħid f'kull korsa u fl-aħħar tas-snin 30 waqgħu lura. Iżda meta wara l-gwerra reġgħu armaw mill-ġdid, illum qegħdin jiddominaw kull edizzjoni … hekk għadd terġa' tqum it-Tiġrija tal-Vitorja u nittama li ż-żmien għadd jagħtini raġun."